MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2015

Rikors Numru. 47/2010

**Michael Buhagiar**

**Vs**

**L-Awtorità ghat-Trasport f'Malta u l-Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikorsipprezentat minn Michael Buhagiar fid-19 ta' Novembru 2010 permezz ta' liema jitlob li t-Tribunal: (i) jiddikjara li l-VRT test li sar fuq il-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni TFA-923 sar skond il-kondizzjonijiet kollha mehtiega u li l-operatur osserva l-htigijiet preskritti; (ii) jirrevoka l-multa amministrattiva ta' hames mija u hamsin Euro (€550) imposta fuqu stante li huwa osserva l-htigijiet preskritti u l-kondizzjonijiet kollha tal-kuntratt ta' operatur; u (iii) jordna kwalunkwe provvediment iehor xieraq u opportun, bl-ispejjez kontra l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta u l-Ministeru ghall-Infrastruttura u Komunikazzjoni;

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur markati Dok. "A" u Dok. "B" a fol. 4 u 5 tal-process;

Ra r-Risposta ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta permezz ta' liema topponi ghat-talbiet tar-Rikorrent u titlob li l-istess jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu, in kwantu infondati fil-fatt u fid-dritt u dana stante li d-decizjoni taghha hija legali u gusta;

Ra r-risposta tal-Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni permezz ta' liema jitlob li jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju in kwantu ma huwiex il-legittimu kontradittur tar-Rikorrent peress illi ai termini tal-Ligi

l-mansjoni biex jittiedhu decizjonijiet bhal dik kontestata mir-Rikorrent ma jittiehdux minnu izda minn terzi;

Sema' x-xhieda tar-Rikorrent[1], ta' Christopher Formosa[2] u ta' Wistin Camilleri[3] lkoll moghtija waqt is-seduta tad-9 ta' Mejju 2011, sema' x-xhieda ta' Massimiliano Borg moghtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Dicembru 2011[4], sema' x-xhieda ta' Joseph Mifsud[5] u ta' Lino Abela[6] moghtija waqt is-seduta tas-7 ta' Frar 2012 u ra d-dokumenti esebiti minnhom markati Dok. "LA1" u Dok. "LA2" a fol. 39 u 40 tal-process u Dok. "JM1" u Dok. "JM2" a fol. 41 u 42 tal-process;

Ra n-Nota ta' Cessjoni pprezentata mir-Rikorrent fid-29 ta' Mejju 2012[7] permezz ta' liema ceda l-atti ta' dawn il-proceduri fil-konfront tal-Ministeru ta' l-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni filwaqt li zamm fermi l-pretensjonijiet tieghu fil-konfront ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta;

Waqt is-seduta tas-27 ta' Settembru 2012 sema' t-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Ra n-Nota ta' l-Awtorità Intimata pprezentata fil-25 ta' April 2014[8] permezz ta' liema tiddikjara li mhux qed topponi iktar ghall-appell tar-Rikorrent u ghalhekk mhux se tkompli tinsisti fuq l-imposizzjoni tal-multa u penali fil-konfront tieghu;

Ra d-dikjarazzjoni ta' l-Awtorità Intimata waqt is-seduta tas-27 ta' Ottubru 2014[9] fis-sens illi l-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet u ghalhekk kull parti thallas l-ispejjez taghha;

Ra d-dikjarazzjoni tar-Rikorrent waqt is-seduta ta' l-24 ta' Novembru 2014 fis-sens li huwa ma jaqbilx li l-kawza tibqa' bla taxxa bejn il-partijiet;

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrent jikkontesta decizjoni ta' l-Awtorità Intimata fil-konfront tieghu notifikata lilu b'avviz datat 5 ta' Novembru 2010, permezz ta' liema it-tester Christopher Formosa gie ppenalizzat hamsin punti ta' penali u giet imposta fuq ir-Rikorrent multa amministrattiva ta' €550 in konnessjoni

[1] Fol. 25 u 26 tal-process.
[2] Fol. 27 u 28 tal-process.
[3] Fol. 29 u 30 tal-process.
[4] Fol. 36 u 37 tal-process.
[5] Fol. 43 sa' 47 tal-process.
[6] Fol. 48 u 49 tal-process.
[7] Fol. 52 tal-process.
[8] Fol. 62 tal-process.
[9] Fol. 66 tal-process.

mal-VRT test esegwit fuq il-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni TFA-923 fil-19 ta' Ottubru 2010, stante li waqt il-post VRT inspection fuq l-imsemmija vettura esegwita fis-27 ta' Ottubru 2010, gie nnutat *excessive exhaust emission.*

Ir-Rikorrent jibbaza l-appell tieghu fuq is-segwenti aggravju: *id-duhhan eccessiv kien konsegwenza ta' intermitted nozzle liema hsarat ma kienux prezenti meta sar it-test tal-vettura ghand Lourdes Service Station u ghaldaqstant tali irregolarità ma kinitx tezisti meta sar it-test fuq il-vettura u cioè nhar id-dsatax (19) ta' Ottubru 2010. Illi anke min-natura tal-hsara, ossia intermitted nozzle, din tfisser illi l-hsara ma tkunx wahda kontinwa izda tkun wahda li titfacca kultant u terga' titlaq, b'tali mod illi l-vettura taghmel perijodu tiffunzjoni tajjeb u perijodu ma tiffunzjonax tajjeb. Illi fiz-zmien li sar it-test mir-rikorrenti l-vettura kienet qed tahdem tajjeb ma jigix eskluz illi din il-hsara zviluppat wara t-test, però fi kwalunkwe kaz waqt it-test sigurament ma kienx hemm ebda dhahen jew sinjali ohra li kienu jindikaw tali hsara.*

Ir-Rikorrent istitwixxa l-proceduri odjerni fil-konfront ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta li laqghet ghall-appell tieghu bl-eccezzjoni li t-talbiet minnu mressqa huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi d-decizjoni taghha hija legali u gusta, **u** fil-konfront tal-Ministeru ta' l-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni li laqa' ghall-appell bl-eccezzjoni li ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li ma huwiex il-legittimu kontradittur tar-Rikorrent peress illi ai termini tal-Ligi l-mansjoni biex jittiedhu decizjonijiet bhal dik kontestata mir-Rikorrent ma jittiehdux minnu izda minn terzi. Bhala fatt permezz ta' Nota ta' Cessjoni pprezentata fid-29 ta' Mejju 2012, ir-Rikorrent ceda dawn il-proceduri fil-konfront tal-Minsiteru ta' l-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni, izda zamm fermi l-pretensjonijiet tieghu fl-konfront ta' l-Awtorità Intimata.

Wara li tressqu l-provi kollha quddiem it-Tribunal u wara li l-partijiet ressqu s-sottomissjonijiet verbali taghhom, l-Awtorità Intimata, permezz ta' Nota ipprezentata fil-25 ta' April 2014, iddikjarat li *mhijiex qed tkompli topponi l-appell interpost mill-appellant u ghalhekk mhux se tkompli tinsisti fuq l-impozizzjoni tal-multa u l-penali fil-konfront ta' l-appellant. Illi konsegwentement m'hemm ebda htiega ghal prosegwiment ulterjuri ta' dan il-kaz.* Waqt is-seduta tas-27 ta' Ottubru 2014 l-Awtorità Intimata ziedet tghid illi fil-fehma taghha l-ispejjez relattivi ghal dawn il-proceduri ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet kontendenti, posizzjoni din mhux accettata mir-Rikorrent li waqt is-seduta ta' l-24 ta' Novembru 2014, iddikjara li ma jaqbilx li l-kawza tibqa' bla taxxa bejn il-partijiet u talab li tinghata sentenza dwar il-kap ta' l-ispejjez.

Fid-dawl tad-dikjarazzjoni ta' l-Awtorità Intimata mressqa bin-Nota pprezentata fil-25 ta' April 2014 huwa evidenti li l-mertu tal-proceduri llum jinsab ezawrit u dana billi fi kliem l-Awtorità stess *mhijiex qed tkompli*

*topponi l-appell interpost mill-appellant u ghalhekk mhux se tkompli tinsisti fuq l-impozizzjoni tal-multa u l-penali fil-konfront ta' l-appellant.* Mill-atti ma jirrizultax li l-Awtorità Intimata biddlet il-posizzjoni taghha vis-à-vis ir-Rikorrent minhabba xi bidla fil-Legislazzjoni relattiva kif gara fi zminijiet recenti f'proceduri ohra li kienu pendenti quddiem dan it-Tribunal u ghalhekk il-probabiltà hi li l-Awtorità ma ghadhiex qed topponi ghall-appell tar-Rikorrent ghaliex issa qed taccetta l-kontestazzjoni tieghu ghad-decizjoni taghha notifikata lilu b'avviz datat 5 ta' Novembru 2010.

F'tali cirkostanza t-Tribunal ma qisx li huwa gust li l-kawza tibqa' bla taxxa bejn il-partijiet kontendenti kif pretiz mill-Awtorità Intimata izda jrid izomm f'mohhu l-fatt li r-Rikorrent inizjalment istitwixxa l-proceduri odjerni fil-konfront tal-Ministeru ta' l-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni wkoll u li fil-mori ta' l-appell ipprezenta Nota ta' Cessjoni vis-à-vis l-imsemmi Ministeru.

Ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma li l-ispejjez ta' dawn il-proceduri, hlief ghall-ispejjez pertinenti ghall-Ministeru ta' l-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni, ghandhom jigu sopportati mill-Awtorità Intimata filwaqt illi l-ispejjez pertinenti ghall-Ministeru ta' l-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni ghandhom jigu sopportati mir-Rikorrent.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara li in segwitu ghan-Nota ta' l-Awtorità Intimata pprezentata fil-25 ta' April 2014, il-mertu tal-proceduri odjerni jinsab ezawrit.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri, hlief ghall-ispejjez pertinenti ghall-Ministeru ta' l-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni, ghandhom jigu sopportati mill-Awtorità Intimata filwaqt illi l-ispejjez pertinenti ghall-Ministeru ta' l-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni ghandhom jigu sopportati mir-Rikorrent.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------